TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Dr Renata Formosa u Doreen Sacco
vs
Go PLC

23 ta' Frar 2018

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrenti ipprezentat fis-6 ta' Jannar 2017 fejn talbet ir-rifuzjoni ta' €300.00, prezz ta' mobile phone tal-marka Samsung li nxtara minghand is-socjeta' intimata liema mobile kien diffettuz u li ma setax jintuza kif suppost.

Ra r-risposta tas-socjeta' intimata ipprezentat fil-23 ta' Jannar 2017, fejn cahdet t-talba tar-rikorrenti bhala infondata fil-fatt u fid-dritt.

Sema x-xhieda.

Ra l-atti kollha tal-process.

Ikkunsidra

Illi huwa pacifiku bejn il-partijiet illi fi Frar 2016 nxtara minghand is-socjeta' intimata mobile SamsungA500. Xi xahar wara dan beda jehel u jifreeza u r-rikorrenti hadet il-mobile ghand l-ufficju tal-Go ir-Rabat. Wara xi gimghatejn, meta l-mobile gie ritornat lir-rikorrenti, fuq suggeriment tas-socjeta' intimata, hija xtrat SD memory card, pero l-problema ippersistiet u l-mobile ittiehed ghat-tiswija mill-anqas darbtejn ohra. (ara Fault 1, 2, 3). Mat-tieni darba, r-rikorrenti insistiet illi riedet mobile phone gdid peress illi dan kienet tuzah fuq ix-xoghol u gieli kienet tirceivi ilmenti mill-klijenti li ma setghux jikkomunikaw maghha. Apparti li l-mobile kien jehel u jiggamja, ir-rikorrenti tghid ukoll illi gieli ma kenitx tircievi messaggi tal-SMS u gieli kellha problemi bir-reception.

Is-socjeta' intimata tghid illi meta dahal ir-rapport, hija baghtet il mobile lill-manifatturi tad-ditta li min-naha taghhom ghamlulu software update u rrakomandaw illi jigi ccekkjat l-SD card ta-klijenta. Mat-tieni rapport, il-mobile rega' gie mibghut ghand Samsung taht il-garanzija fejn il-motherboard u l-batterija gew mibdulin. Meta dahal it-tielet rapport, il-mobile rega' gie mibghut ghand Samsung pero wara gimghatejn ta' testing, ma rrizultax illi

kien hemm xi hsara u meta gie ttestjat fil-workshop tas-socjeta' intimata l-ebda difett ma manifesta ruhu.

Ghal dawk illi huwa l-prezz, ir-rikorrenti Dr Renata Formosa tghid illi l-mobile kien jiswa €329, minhabba xi discount relatat ma' xi bundle, kien hemm riduzzjoni fil-prezz, u l-hlas attwali tal-mobile kien €130. Hallset ukoll xi flus ghal SD card li kien jiswa €19.50.

Illi jidher illi hemm qbil bejn dak kollu li xehdet ir-rikorrenti u l-bicca l-kbira ta' dak li xehed Kevin Testa, rapprezentant tas-socjeta' intimata. Huwa evidenti illi dan il-mobile, ghalkemm kien ghadu gdid, kien aflitt b'difett illi wassal biex jittiehed ghat-tiswija tlett darbiet f' spazju ta' ftit xhur u anke wassal biex jinbidel il-motherboard u l-batterija, haga li ma tippretendix minn mobile phone li ghadu relativament gdid u taht garanzija. Dan jinduci t-Tribunal fil-konvinzjoni li kien hemm xi haga verament hazina fil-mobile tar-rikorrenti u ghalhekk ihoss illi r-rikorrenti rnexxielha tipprova l-istanza taghha fil-grad li trid il-ligi.

Ghal dawn ir-ragunijiet jaqta u jiddeciedi illi jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jikundanna lis-socjeta' intimata illi tirrifondi s-somma ta' €150.00, prezz tal-mobile u SD card fuq indikat. Bl-ispejjes kontra s-socjeta' intimata.

Michela Spiteri LL.D
Arbitru